**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 24 – Il-ĠIMGĦA, 3 T'AWWISSU 2012**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fl-4:05pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

1.2 Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati *nem con* u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

**2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON***

2.1 Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet attendiet laqgħa organizzata minn MEUSAC fil-Bird Park tas-Salina dwar proġetti relatati mal-Ambjent. Il-Viċi Chairperson Woods informa li kien se jipprova joħroġ b'ideat għal possibiltajiet ta' proġetti.

2.2 F'dan il-ħin kien hemm qbil li l-Kumitat jgħaddi jibdel l-ordni tal-Aġenda u għalhekk is-suġġetti diskussi kienu skont l-ordni kif ġej.

**3. L-APPLIKAZZJONI TA' ŻVILUPP MILL-ISCOUTS TA' B'KARA F'BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

3.1 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri preżenti li dwar il-kwistjoni tal-applikazzjoni għal żvilupp fil-*camping site* tal-iscouts f'Baħar iċ-Ċagħaq, hija kienet attendiet mas-SE għal-laqgħa fejn kellha tittieħed id-deċiżjoni mill-MEPA iżda minħabba li ttardjaw ħafna hi u s-SE kellhom jitilqu minħabba li kellhom ikunu fil-Kunsill Lokali għal konferenza stampa importanti.

3.2 Hija infurmat ukoll li l-MEPA approvat l-applikazzjoni minkejja li kien hemm l-oġġezzjoni mill-Kumitat Amministrattiv. Hija infurmat ukoll li saret komunikazzjoni mal-Ministeru responsabbli mill-Artijiet fejn wieġbu li huma mhux se jħallu li jittella' bini fuq l-art irrispettivament mill-fatt li kien approvat mill-MEPA.

3.3 F'dan il-ħin wasal is-Sur Joe Bonello. Il-ħin kien l-4:10pm.

## 4. EVALWAZZJONI TAL-ATTIVITÀ ARTS IN THE PARK

4.1 Is-Sur Woods stqarr li l-impressjoni ġenerali dwar l-attività kienet tajba ħafna filwaqt li kien jidher li l-ewwel ġurnata kienet aħjar mit-tieni waħda bħala konkorrenza tal-pubbliku.

4.2 Is-Sur Woods ħass li bħala reklamar kien hemm nuqqas b'mod partikulari għaliex jidher li ma kienx hemm biżżejjed żmien biex issir promozzjoni tajba. Huwa kien tal-fehma wkoll li kien ikun ħafna aktar effettiv kieku l-Billboard, minflok fis-Salina kien jitpoġġa fid-daħla ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

4.3 Barra minn hekk is-Sur Woods sostna li għandu jinstab mezz kif ikun hemm komunikazzjoni aktar effettiva bejn il-Kumitat u l-komunità tal-Patrijiet ħalli ma jerġax ikun hemm id-diżgwid kif kien hemm din is-sena u s-suċċess ikun akbar. Dwar dan iċ-Chairperson ipproponiet li jkun hemm persuna biex jiffaċilita l-komunikazzjoni. Hija ssuġġeriet li dan ikun is-Sur Brian Vella li għandu kuntatti tajbin maż-żewġ partijiet.

4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv żied ma' dak li qal il-Viċi-Chairperson Woods fid-dawl tal-kritika kostruttiva billi semma' n-numru ta' avvenimenti li ħabtu mal-istess perijodu ta' meta seħħet l-attività. Dawn kienu l-Farsons Great Beer Festival, li hija popolari mmens u tiġbed eluf ta' nies, il-logħob tal-Olimpjadi, attività oħra Tas-Sliema mill-MTA filwaqt li ma naqasx milli jfakkar li din l-attività għadha fl-ewwel sena tagħha u għalhekk wieħed ma jistax jippretendi li se tilħaq lil kulħadd fl-ewwel edizjoni tagħha. Filwaqt li qabel mal-kumment dwar il-*billboard* huwa saħaq li t-tqassim tal-flyers laħaq aktar minn 50,000 residenza.

4.5 Il-membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq ġew infurmati li s-sidien tal-*istalls* kienu konxji bil-promozzjoni li saret b'risq din l-attività iżda l-istess sidien fehmu wkoll li n-nies kellhom għażla vasta ta' fejn setgħu jmorru.

4.6 Is-Sinj. Vella ssuġġeriet li darba oħra għandhom jitpoġġew *streamers* sabiex tgħin il-promozzjoni ta' din l-attività filwaqt li l-ispiża tagħhom tkun ferm inqas minn dik tal-*billboard*.

4.7 Min-naħa l-oħra is-Sinj. Coumo u s-Sur Woods urew id-diżappunt tagħhom bl-assenza tar-residenti minn Baħar iċ-Ċagħaq tul il-ħin tal-attività; fil-fatt kien innutat li għall-ġurnata tal-Ġimgħa kien hemm ħafna turisti filwaqt li għall-ġurnata tas-Sibt kien hemm ħafna Maltin mhux residenti f'Baħar iċ-Ċagħaq.

4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv esprima l-ħsieb tiegħu fid-dawl tad-disinn tal-*billboard*. Filwaqt li d-disinn kien attraenti immens, il-kliem: "Baħar iċ-Ċagħaq" kienu pjuttost żgħar.

4.9 Is-Sur Gatt sostna li darba oħra il-Kumitat ma kellux imur għal erba' gwardjani iżda għal tnejn. Żied jgħid li fid-dawl tal-*latrine attendant*, il-Kumitat jagħmel tajjeb jekk iqabbad lil ħadd ieħor li jieħu ħsieb li jnaddaf il-latrina u mhux neċessarjament li joqgħod mal-latrina tul l-attività kollha

bil-possibiltà li jonqos il-ħlas dovut f'dan ir-rigward għal servizz żejjed bla bżonn.

4.10 Intwera tħassib li l-preżentatur tas-Sibt ma kienx ippreparat u impenjat biżżejjed u għalhekk ma kellux jerġa jitqabbad. Dak tal-Ġimgħa però (Martin Sapiano) kien eċċellenti għaliex involva lil kulħadd.

4.11 Is-Sinj. Cuomo stqarret li għandu jkun hemm aktar involviment mit-tfal ta' Baħar iċ-Ċagħaq fl-attività sabiex eventwalment tiżdied l-attendenza tal-familji minn Baħar iċ-Ċagħaq għal din l-attività. Hija ħadet l-opportunità tirringrazzja lill-Viċi Sindku Pierre Sciberras għall-għajnuna li ta għal din l-attività kif ukoll lis-Sur Joe Bonello għall-ħidma u l-assistenza kontinwa matul il-jumejn tal-attività.

4.12 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-lista ta' spejjeż relatati mal-attività li tammonta għal €6,837. Huwa fakkar li €4,000 se jkunu ffinanzjati mill-Gvern Ċentrali filwaqt li hemm xi donazzjonijiet li għad iridu jidħlu. Huwa informa wkoll li minħabba xi problemi li jinqalgħu fl-aħħar ħin kellhom jiżdiedu xi spejjeż bħal per eżempju l-imwejjed u s-siġġijiet li kellhom jinkrew għaliex fl-aħħar ġranet kien infurmat li l-MTA ma setgħux joffru l-istalls minħabba l-attività tagħhom f'Tas-Sliema.

4.13 Unanimament ġie deċiż li għandhom jintbagħtu ittri ta' ringrazzjament lil dawk il-parteċipanti kollha li taw is-sehem tagħhom bla ħlas.

4.14 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk il-Kumitat Amministrattiv kienx interessat li jerġa jorganizza l-istess attività is-sena d-dieħla. Dan sabiex jekk toħroġ skema oħra jkun jista' japplika. Il-Kumitat qabel li għandha tkun organizzata iżda d-data tista' tinbidel u għalhekk importanti li tkun diskussa f'aktar dettall.

## 5. ORGANIZZAZZJONI TA' GRUPPI TAL-FUTBOL U BASKET BALL F'BIC

5.1 Is-Sinj. Cuomo infurmat li kellha talba mingħand individwu li jgħallem l-isport tal-*Basketball* sabiex jiġi ffurmat tim tal-*Basketball* għat-tfal minn Baħar iċ-Ċagħaq. Kull ma xtaq huwa post addattat. F'dan id-dawl hija se tipprova tikkordina laqgħa ix-xahar id-dieħel. Il-persuna huwa Bane Vukovic li huwa Coach Director ta' Eurobasket.

5.2 Barra minn din il-proposta infurmat ukoll li kellha talba oħra mingħand il-Klabb tal-Luxol sabiex il-Kumitat jallokalhom post idejali sabiex jagħmlu *5-a side pitch* għaż-żgħażagħ ta' Baħar iċ-Ċagħaq, liema grawnd ikun iffinanzjat kollu kemm hu mill-istess klabb.

## 6. PJAN TA' ATTIVITAJIET

6.1 Is-Sur Woods ippropona li għandha tkun organizzata attività għall-Milied. Semma wkoll proposta li jsir workshop f'Ottubru immexxi minn ċertu Paul Baldacchino (Psikologu). Is-Sur Woods tkellem ukoll dwar problema li jidher li hemm li qed tkun magħrufa bħala *city trance* li iżda tista' qed taħkem villaġġi u għalhekk tajjeb li wieħed jistudja dan il-'fenomenu' biex jistabbilixxi jekk hux il-każ u jara x'jista' jsir biex ma

tibqax. Kien diskuss li din tista' tkun ideali ħafna għal idea ta' proġett b'fondi tal-UE.

6.2 Is-Sinj. Vella infurmat li bħalissa għaddej il-kors taz-Zumba. Dan qiegħed ikun kull nhar t'Erbgħa fit-8:00pm. Hekk kif jispicca, mistenni li jkun hemm klassi oħra li tibda fit-3 t'Ottubru 2012. Barra mil-klassi taz-Zumba, hu ppjanat li jkun hemm klassi tal-Pilates li mistennija tibda nhar il-25 ta' Settembru 2012 fid-9:00am u klassi tal-Aerobics fl-24 ta' Settembru 2012 fit-8:00pm.

6.3 Il-Kumitat ikkonferma li l-attività tal-Milied issir il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru fl-4pm u tkun għat-tfal.

## 7. ĦWEJJEĠ OĦRA

7.1 Is-Sinj. Cuomo qalet li dwar il-*Bridle Path* ta' mat-Triq Qalet Marku s'issa għadu ma ngħata l-ebda verdett. Ta' Transport Malta sostnew li l-Kumitat għandu jsegwi l-każ billi japplika mal-MEPA. Is-SE se jindaga dwar il-permess DNO mal-MEPA.

7.2 Is-Sur Bonello informa li kellu xi talbiet biex issir hump quddiem ir-ristorant A' L'Orange filwaqt li talbu wkoll biex ikun hemm xi devjar tat-traffiku.

7.3 *F'dan il-ħin is-Sur Woods talab li jkun skużat. Il-ħin kien is-5:50pm. Peress li kien se jkun skużat ġiet deċiża b'mod unanimu d-data tal-laqgħa li jmiss għat-Tnejn l-10 ta' Settembru fl-4:30pm.*

7.4 Is-Sur Bonello ilmenta li għad hemm xi xogħlijiet fil-ġnien li mhux kompluti. Kien suġġerit li ssir laqgħa mal-Periti flimkien mas-Sur Bonello.

## 8. TMIEM IL-LAQGĦA

7.5 Kien ikkonfermat li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 10 ta' Settembru 2012 fl-4:30pm.

7.6 Il-laqgħa intemmet fis-18:00pm.

**MARY ANNE CUOMO**
**CHAIRPERSON**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**